# IT-TEMA TAS-SOLITUDNI

BEJN ĦALTEJN

Ina Cutajar

# IS-SOLITUDNI



Qagħda nikklassifikawha bħala 'solituddni'

meta bniedem jispiċċa waħdu, ma tkunx għażla

tiegħu u hu jħoss in-nuqqas ta' kumpanija.

Is-solitudni taf tkun l-akbar muża u poeti matul iż-żminijiet sabu rifuġju fil-poeżija. Iżda s-solitudni taf tixref f'kitbiet b'mod sottili.

# ITTRI LIL MARTA

Għalkemm Marta qed tiġi osservata u għandha ammiratur sigriet, fir-realtà tinsab waħedha fil-biżgħat u l-inċertezzi tagħha.

Is-suspett u s-suspans ikomplu jiżolaw lill-protagonista.

It-tmiem inkejjuż, iħalli lil Marta waħedha bil-ħsieb ta' x'seta' ġara li kieku kienet taf...



# REFUĠJATA

- Fis-solitudni tagħha tħammem fuq it-telfiet li ġarrbet. Iżżomm it-tama tar-ritorn ta' wliedha u żewġha.
- Tittanta ssib soluzzjoni għall-weġgħat ta' qalbha u tistaqsi l-akbar mistoqsija dwar l-emozzjoni umana, tilħaqx punt fejn il-qalb tittarrax u ma tibqax tħoss uġigħ.



# IS-SOLITUDNI U L-IMĦABBA

**Il-Koranta**

Qabel Indrì Anjeżi kienet waħedha, għalkemm imdawra bin-nies – tfal jiġru warajha, nies jgħidu biha.

Is-solitudni tagħha kienet tistqarrha ma' San Ġużepp, filwaqt li kienet titolbu jsibilha raġel li jħobbha.



**Niftakar**
"... sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn."

Is-solitudni fl-aqwa tagħha li tolqot lill-poeta b'saħħitha kollha appena l-qraba u l-ħbieb iħalluh waħdu mal-"Baħħ" li ħa post martu li kienet mietet.

# QUO VADIS

Il-poeżija tiftaħ "Waħedha" u l-idea hi waħda ċentrali msaħħa mill-istqarrija:

"imbiegħda mill- bqija ta' ħutha".

Għalkemm solitarja, il-ħarruba ma turix sentimenti ta' solitudni, iżda ta' tħassib. Donnu l-qagħda solitari tagħha tatha aktar lok għall-intorspezzjoni u l-analiżi
ta' "dal-ħalja bnedmin".



# ĊENSINA

Is-solitudni spiss nebbħet lill-bniedem biex japprezza l-iċken, l-ifqar u l-aktar affarijiet negliġibbli.

Ħadd daqs Ċensina ma jaħsadna meta nisimgħuha tistqarr li għaliha l-ġrieden, li kulħadd jistmell u jrid jeqred, kienu l-akbar kumpanija.

"...lili ma jdejqunix, xi ħaġa ħajja..."

"ma jħarsux lejk biċ-ċiera, almenu"

Is-sofferenza ta' Ċensina kienet tant li s-solitudni kenet esperjenza aħjar mir-relazzjonijiet umani.

